Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B **ID-DIRETTIVA 2000/40/KEE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

tas-26 ta' Ġunju 2000

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li tirrigwarda l-mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem ta' vetturi bil-mutur u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE

(ĠU L 203, 10.8.2000, p. 9)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Direttiva tal-Kunsill 2006/96/KE ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 352M	709	31.12.2008

Emendata minn:

►A1	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	33	23.9.2003

▼B

ID-DIRETTIVA 2000/40/KEE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Ġunju 2000

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li tirrigwarda l-mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem ta' vetturi bil-mutur u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu;

Wara li kkunsidraw il-Proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni 97/836/KE ([4]), il-Kunsill, bil-kunsens tal-Parlament Ewropew, awtorizza lill-Komunità li taderixxi għall-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (EKE) li jikkonċerna l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għal vetturi bir-roti, għal tagħmir u partijiet li jistgħu jitwaħħlu u/jew jintużaw fuq vetturi bir-roti u l-ħtiġiet għar-rikonoxximent reċiproku ta' approvazzjonijiet mogħti fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet, magħmul Ġinevra fl-20 ta' Marzu 1958, kif rivedut fis-16 ta' Ottubru 1995.

(2) Bl-adeżjoni għall-Ftehim imsemmi, il-Komunità aċċettat lista definita ta' Regolamenti stabbilita skond dak il-Ftehim. Din il-lista tinkludi r-Regolament Nru 93 ([5]) tal-NU/EKE.

(3) Sabiex jitnaqqas in-numru ta' vittmi ta' aċċidenti fit-toroq Ewropej, hemm bżonn li jiġu introdotti mingħajr dewmien il-miżuri stabbili bir-Regolament Nru 93 tal-UNE/EKE fil-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE stabbilita bid-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE ([6]), il-miżuri stabbiliti bir-Regolament Nru 93 tal-NUE/EKE, sabiex tiġi mtejba l-protezzjoni ta' l-okkupanti ta' karrozzi tal-passiġġieri u ta' vannijiet ħfief minn ġrieħi, fil-każ ta' ħabta man-naħa ta' vetturi ta' merkanzija tqal u sabiex il-manifatturi ta' mezzi bħal dawn u ta' vetturi mgħammra b'mezzi bħal dawn ikunu jistgħu jiksbu l-approvazzjoni tat-tip tal-KE jekk jissodisfaw il-ħtiġiet tekniċi ta' dak ir-Regolament.

(4) Skond il-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-Trattat, l-għanijiet ta' din id-Direttiva ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba l-iskala u l-effett ta' l-azzjoni proposta fis-settur rilevanti, u għaldaqstant jistgħu jinkisbu aħjar mill-Komunità. Din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju biex jinkisbu l-għanijiet tagħha, jiġifieri l-approvazzjoni tat-tip tal-KE.

(5) Din id-Direttiva hija waħda mid-direttivi separati li għandu jkun hemm konformità magħhom sabiex ikun hemm konformità mal-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE. Konsegwentement, id-disposizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 70/156/KEE li

([1]) ĠU C 89, tat-30.3.1999, p.11.
([2]) ĠU C 209, tat-22.7.1999, p.8.
([3]) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-27.10.1999 (ĠU C 154, tal-5.6.2000, p. 50) Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill, tas-27.3.2000 (ĠU C 178, tas-27.6.2000, p. 1), u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tas-17.5.2000.
([4]) ĠU L 346, tas-17.12.1997, p. 78.
([5]) Il-Kummissjoni Ekonomika tan-NU għall-Ewropa, id-dokument E/EKE/324.
([6]) ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 98/91/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 11, tas-16.1.1999, p. 25).

▼B

għandhom x'jaqsmu ma' vetturi, sistemi tal-vetturi, komponenti u unitajiet tekniċi separati japplikaw għal din id-Direttiva.

(6) B'konsiderazzjoni tan-numru konsiderevoli ta' aċċidenti tat-triq li jinvolvu vetturi kummerċjali li għandhom massa ta' aktar minn 3,5 tunnellati, u konsegwentement, sabiex tiżdied is-sigurtà fit-triq, id-disposizzjonijiet li jikkonċernaw vetturi bħal dawn għandhom jiġu magħmula obbligatorji minn din id-Direttiva mingħajr ma jiġu mistennija supplimenti oħrajn għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE għal din il-kategorija ta' vetturi.

(7) Id-Direttiva 70/156/KEE għandha tiġi emendata bħala riżultat,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA

Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

(a) "vettura" tfisser kull vettura bil-mutur kif definita fit-Taqsima A ta' l-Anness II tad-Direttiva 70/156/KEE;

(b) "mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem" ifisser mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem li hu ntiż biex ikun parti minn vettura u li jista' jkun approvat bħala unità teknika separata skond l-Artikolu 2 tad-Direttiva 70/156/KEE.

Artikolu 2

1. B'effett mill-10 ta'Awissu 2001 jew, jekk il-pubblikazzjoni msemmija fl-Artikolu 3 tkun ittardjata lil hinn mill-10 ta' Frar 2001, sitt xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni msemmija, l-Istati Membri, ma jistgħux, għal raġunijiet relatati mal-mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem ta' vettura:

(a) fir-rigward ta' tip ta' vettura, jew tip ta' mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem ikkunsidrat bħala unità teknika separata, jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KE jew l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali; jew

(b) jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, l-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi mezzi ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem li huma kkunsidrati bħala unità teknika separata; jekk il-vetturi jew l-unitajiet tekniċi separati jkunu konformi mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva.

2. B'effett mill-10 ta'Awissu 2003, l-Istati Membri:

(a) m'għandhomx aktar jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal tip ta' vettura jew mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem bħala unità teknika separata;

(b) għandhom jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda jew mezzi ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem ġodda bħala unitajiet tekniċi separati; għal raġunijiet relatati mal-protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem jekk il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva ma jiġux sodisfatti.

3. Id-disposizzjonijiet amministrattivi li jirregolaw l-approvazzjoni tat-tip tal-KE għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness I.

L-iskop ta' din id-Direttiva, u l-ħtiġiet tekniċi li għandhom jiġu sodisfatti għall-għoti ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness II.

Artikolu 3

Ir-Regolament Nru 93 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti għandu jiġi pubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* qabel l-10 ta' Frar 2001.

▼B

Artikolu 4

Id-Direttiva 70/156/KEE hija emendata kif ġej:

1. L-Anness I għandu jiġi emendat kif ġej:

   (a) Il-punt 2.3.4 għandu jkun sostitwit b'dan li ġej:

   "2.3.4. Il-wisa' tal-fus ta' quddiem nett (imkejjel fuq il-parti l-aktar 'l barra tat-*tyres* barra mill-biċċa mqabbża l barra tat-*tyres* l-aktar qrib ta' l-art):…".

   (b) Il-punti li ġejjin għandhom ikunu mdaħħla:

   "9.22. Protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem

   9.22.1. Disinn tal-partijiet tal-vettura rilevanti għal mal-protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem, jiġifieri, id-disinn tal-vettura u/jew tax-*chassis* bil-pożizzjoni u l-immuntaġġ tal-fus ta' quddiem l-aktar wiesa', disinn ta' l-immuntaġġ u/jew tat-twaħħil tal-protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem. Jekk il-protezzjoni tal-qiegħ mhix xi mezz speċjali, id-disinn għandu juri b'mod ċar li l-qisien meħtieġa huma sodisfatti:.…

   9.22.2. Fil-każ ta' mezz speċjali, deskrizzjoni sħiħa u/jew disinn tal-protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem (li tinkludi l-immuntaġġi u t-tagħmir) u, jekk dan ikun approvat bħala unità teknika separata, in-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip:…".

2. L-Anness V għandu jiġi emendat kif ġej:

   (a) Fil-Parti I, dan il-punt li ġej għandu jkun miżjud:

Suġġett	Nru tad-Direttiva	Referenza tal-Ġurnal Uffiċjali	Applikabbilità									
			M_1	M_2	M_3	N_1	N_2	N_3	O_1	O_2	O_3	O_4
"57 Protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem	200/40/KE	L 203 ta' l-10.8.2000, p. 9					X	X"				

   (b) Fil-Parti II, dan il-punt li ġej għandu jkun miżjud:

Suġġett	Nru ta' Regolament Bażiku	Serje ta' emendi	Suppliment	Corrigenda ([2])
"57 Protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem	93	—	—	—"

Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva qabel l-10 ta' Awissu 2001. B'danakollu, jekk il-pubblikazzjoni msemmija fl-Artikolu 3 tittardja wara l-10 ta' Frar 2001, l-Istati Membri għandhom jissodisfaw dan l-obbligu fi żmien sitt xhur mill-pubblikazzjoni msemmija. Huma għandhom jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni minnufiħ.

L-Istati Membri għandhom japplikaw dawn il-miżuri sa mill-10 ta' Awissu 2001, jew, jekk il-pubblikazzjoni msemmija fl-Artikolu 3 tittardja sa wara l-10 ta' Frar, sitt xhur wara l-pubblikazzjoni msemmija.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, huma għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom.

▼B

Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-disposizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam irregolat b'din id-Direttiva.

Artikolu 6

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 7

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

LISTA TA' L-ANNESSI

ANNESS I:	Disposizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE	
	Appendiċi 1:	Dokument ta' informazzjoni relatat ma' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE għal mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem bħala unità teknika separata
	Appendiċi 2:	Dokument ta' informazzjoni relatat ma' l-approvazzjoni tat-tip KE ta' tip ta' vettura fir-rigward ta' l-istallazzjoni ta' mezzi ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem li jkunu ngħataw l-approvazzjoni tat-tip bħala unità teknika separata
	Appendiċi 3:	Dokument ta' informazzjoni relatat ma' l-approvazzjoni tat-tip KE ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem tagħha
	Appendiċi 4:	Mudell ta' ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE (għal tip ta' mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem bħala unità teknika separata)
	Appendiċi 5:	Mudell ta' ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE (għal tip ta' vettura fir-rigward ta' l-istallazzjoni ta' mezzi ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem li ngħataw l-approvazzjoni tat-tip bħala unità teknika separata)
	Appendiċi 6:	Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE (għal tip ta' vettura fir-rigward tal- protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem tagħha)
	Appendiċi 7:	Mudell għall-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE
ANNESS II:	Kamp ta' applikazzjoni u ħtiġiet tekniċi	

▼B

ANNESS I

DISPOSIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP KE

1. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP

1.1. Applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE għal mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem bħala unità teknika separata

1.1.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 70/156/KEE fir-rigward ta' mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem li hu kkunsidrat bħala unità teknika separata skond it-tifsira ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva 70/156/KEE, għandha tkun ippreżentata mill-manifattur tal-mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem.

1.1.2. Mudell tad-dokument ta' informazzjoni huwa mogħti fl-Appendiċi 1.

1.1.3. Għandu jingħata kampjun rappreżentattiv tat-tip ta' apparat li għandu jiġi approvat lis-servizz tekniku risponsabbli mit-twettiq tal-verifiki ta' l-approvazzjoni tat-tip. Dan is-servizz, jista' jitlob kampjun ieħor, jekk iħoss li dan huwa neċessarju. Il-kampjun għandu jkun immarkat, b'mod ċar u indelibbli, bl-isem kummerċjali ta' l-applikant u bid-deskrizzjoni tat-tip.

1.2. Applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' tip ta' vettura fir-rigward ta' l-istallazzjoni tal-mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem li jkollhom l-approvazzjoni tat-tip bħala unità teknika separata

1.2.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 70/156/KEE għandha tkun ippreżentata mill-manifattur tal-vettura.

1.2.2. Mudell tad-dokument ta' informazzjoni huwa mogħti fl-Appendiċi 2.

1.2.3. Għandhom jingħataw lis-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tal-verifiki ta' l-approvazzjoni, vettura rappreżentattiva tat-tip li għandu jiġi approvat, kif ukoll protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem għall-istallazzjoni li diġà ġiet approvat bħala unità teknika separata.

1.3. L-applikazzjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem tagħha

1.3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 70/156/KEE għandha tkun ippreżentata mill-manifattur tal-vettura.

1.3.2. Mudell tad-dokument ta' informazzjoni huwa mogħti fl-Appendiċi 3.

1.3.3. Għandha tingħata vettura rappreżentattiva tat-tip li għandu jiġi approvat lis-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tal-verifiki ta' l-approvazzjoni tat-tip.

2. L-GĦOTI TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP KE

2.1. Jekk il-ħtiġiet rilevanti jkunu sodisfatti, għandha tiġi mogħtija l-approvazzjoni tat-tip KE skond l-Artikolu 4(3), u jekk huwa applikabbli l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 70/156/KEE.

2.2. Mudell taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE huwa mogħti:

2.2.1. Fl-Appendiċi 4, għal mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem bħala unità teknika separata;

2.2.2. fl-Appendiċi 5, għal tip ta' vettura fir-rigward ta' l-istallazzjoni tal-mezz ta' protezz-joni tal-qiegħ fuq quddiem li jkollu l-approvazzjoni tat-tip bħala unità teknika sepa-rata;

2.2.3. fl-Appendiċi 6, għal tip ta' vettura fir-rigward tal-protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem tagħha.

2.3. Għandu jiġi assenjat numru ta' l-approvazzjoni għal kull tip ta' mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem jew għal kull tip ta' vettura approvata skond l-Anness VII tad-Direttiva 70/156/KEE. L-istess Stat Membru m'għandux jassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem jew lil tip ieħor ta' vettura.

▼B

3. IMMARKAR TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP KE GĦAL UNITAJIET TEKNIĊI SEPARATI

3.1. Kull mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem li jkun konformi mat-tip approvat bħala unità teknika separata taħt din id-Direttiva, għandu jġorr il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE.

3.2. Din il-marka għandha tikkonsisti f'rettangolu li jdawwar l-ittra "e" segwit bin-numri distintivi ta' l-Istat Membru li jkun ħareġ l-approvazzjoni tat-tip:

1 għall-Ġermanja

2 għal Franza

3 għall-Italja

4 għall-Olanda

5 għall-Isvezja

6 għall-Belġju

▼A1

7 għall-Ungerija

8 għar-Repubblika Ċeka

▼B

9 għall-Spanja

11 għar-Renju Unit

12 għall-Awstrija

13 għall-Lussemburgu

17 għall-Finlandja

18 għad-Danimarka

▼M1

19 għar-Rumanija

▼A1

20 għall-Polonja

▼B

21 għall-Portugall

23 għall-Greċja

24 għall-Irlanda

▼A1

26 għas-Slovenja

27 għas-Slovakkja

29 għall-Estonja

32 għal-Latvja

▼M1

34 għall-Bulgarija

▼A1

36 għal-Litwanja

CY għal Ċipru

MT għal Malta

▼B

Għandha tinkludi wkoll, ħdejn ir-rettangolu, "in-numru ta' l-approvazzjoni tal-bażi" li jinsab fit-Taqsima 4 tan-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip li hemm referenza għalih fl-Anness VII tad-Direttiva 70/156/KEE, preċedut biż-żewġ figuri li jindikaw in-numru tas-sekwenza assenjat lill-emenda teknika magġuri l-aktar riċenti tad-Direttiva 2000/40/KE fid-data li fiha giet mogħtija l-approvazzjoni tat-tip tal-KE. F'din id-Direttiva in-numru tas-sekwenza huwa 00.

▼B

3.3. Il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE għandha titwaħħal mal-mezz tal-protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem b'tali mod li tkun indelibbli u leġġibbli b'mod ċar anki jekk l-l-apparat ikun imwaħħal mal-vettura.

3.4. Eżempju tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE hija murija fl-Appendiċi 7.

4. MODIFIKA TAT-TIP U EMENDI GĦALL-APPROVAZZJONIJIET

4.1. Fil-każ ta' modifika tat-tip ta' vettura approvata skond din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva 70/156/KEE.

5. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

5.1. Għandhom jittieħdu l-miżuri biex tkun assigurata l-konformità tal-produzzjoni skond id-disposizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 70/156/KEE.

▼B

Appendiċi 1

DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI Nru…

relatat ma' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE għal mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem bħala unità teknika separata

(Direttiva 2000/40/KE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva…/…/KE)

L-informazzjoni li ġejja, jekk tkun applikabbli, għandha tingħata fi tliet kopji u tinkludi werrej. Kwalunkwe disinji għandhom jingħataw fi skala adatta u f'dettall suffiċjenti fuq karti ta' qies A4 jew ġo folder ta' format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, għandhom juru dettall suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, il-komponenti jew il-unitajiet tekniċi separati jkollhom kontrolli elettroniċi, għandha tingħata informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom.

0. ĠENERALI

0.1. Għamla (isem kummerċjali tal-manifattur): .....

0.2. Tip: .....

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: .....

0.7. Fil-każ ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE: .....

0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-immuntar: .....

1. KARATTERISTIĊI ĠENERALI TAL-KOSTRUZZJONI TAL-VETTURA/I

li fuqha huwa ntiż li jeħel il-mezz sakemm dawn huma relatati mal-protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem

1.1. Tip ta' vettura/i u kategorija/i [1] (jekk hemm bżonn): .....

1.2. Massa massima mgħobbija teknikament permissibbli: .....

2. KARATTERISTIĊI ĠENERALI TAL-KOSTRUZZJONI TA' L-APPARAT

2.1. Deskrizzjoni sħiħa u/jew disinn tal-mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem (li jinkludi l-immuntar u t-twaħħil):

.....

2.2. Restrizzjonijiet għall-użu u speċifikazzjonijiet ta' l-immuntar (jekk ikun hemm): .....

2.3. Il-posizzjoni fuq il-mezz tal-punti fejn għandhom jiġu applikati l-forzi tal-verifiki: .....

Data, fajl

———

[1] Kif definit fis-sezzjoni A ta' l-Anness II tad-Direttiva 70/156/KEE.

▼B

Appendiċi 2

DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI Nru…

skond l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 79/156/KEE [1]**, li tikkonċerna l-approvazzjoni tat-tip KE ta' tip ta' vettura fir-rigward ta' l-istallazzjoni ta' mezzi ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem li jkunu ngħataw l-approvazzjoni tat-tip bħala unità teknika separata**

(Direttiva 2000/40/KE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva…/…/KE)

L-informazzjoni li ġejja, jekk tkun applikabbli, għandha tingħata fi tliet kopji u tinkludi werrej. Kwalunkwe disinji għandhom jingħataw fi skala adatta u f'dettall suffiċjenti fuq karti ta' qies A4 jew ġo folder ta' format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, għandhom juru dettall suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati jkollhom kontrolli elettroniċi, għandha tingħata informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom.

0. Ġenerali

0.1. Għamla (isem kummerċjali tal-manifattur): .....

0.2. Tip: .....

0.2.1. L-isem/Ismijiet kummerċjali (jekk disponibbli): .....

0.3. Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura ([b]): .....

0.3.1. Lok ta' dak l-immarkar: .....

0.4. Il-kategorija tal-vettura ([c]): .....

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: .....

0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-immuntar: .....

1. KARATTERISTIĊI ĠENERALI TAL-KOSTRUZZJONI TAL-VETTURA

1.1. Ritratti u/jew disinni tal-vettura rappreżentattiva: .....

2. MASES U QISIEN ([e])
(f'kg u mm) (Irreferi għad-disinn fejn japplika)

2.3.4. Il-wisa' tal-fus ta' quddiem nett (imkejjel fuq il-parti l-aktar 'l barra tat-tyres barra mill- biċċa mqabbża 'l barra tat-tyres l-aktar qrib ta' l-art): .....

2.8. Il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ddikjarat mill-manifattur ([f]) (massimu u minimu għal kull varjant): .....

([1]) In-numri tal-punti u tan-noti ta' qiegħ il-paġna wżati f'dan id-dokument ta' informazzjoni jikkorrispondu għal dawk stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 70/156/KEE. Il-punti li mhumiex relevanti għall-iskop ta' din id-Direttiva tħallew barra.

▼B

9.	KOSTRUZZJONI TAL-KAROZZERIJA
9.1.	Tip ta' karozzerija: .....
9.2.	Materjali użati u l-metodi ta' kostruzzjoni: .....
9.2.2.	Protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem
9.2.2.1.	Disinni tal-partijiet tal-vettura li huma rilevanti għal mal-protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem, jiġifieri, id-disinni tal-vettura u/jew tax-chassis bil-posizzjoni u l-immuntar tal-fus ta' quddiem l-aktar wiesa', disinn tal-immuntar u/jew it-twaħħil tal-protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem. Jekk il-protezzjoni tal-qiegħ m'hix xi mezz speċjali, id-disinn għandu juri b'mod ċar li l-qisien meħtieġa huma sodisfatti: .....
9.2.2.2.	Fil-każ ta' mezz speċjali, deskrizzjoni sħiħa u/jew disinn tal-protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem (li tinkludi l-immuntar u t-tagħmir) u, jekk dan ikun approvat bħala unità teknika separata, numru ta'l-approvazzjoni tat-tip: .....

Data, fajl

▼B

Appendiċi 3

DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI Nru…

skond l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE [1]**, li tikkonċerna l-approvazzjoni tat-tip KE ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem tagħha**

(Direttiva 2000/40/KE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva…/…/KE)

L-informazzjoni li ġejja, jekk tkun applikabbli, għandha tingħata fi tliet kopji u tinkludi werrej. Kwalunkwe disinji għandhom jingħataw fi skala adatta u f'dettall suffiċjenti fuq karti ta' qies A4 jew ġo folder ta' format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, għandhom juru dettal suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, il-komponenti jew il-unitajiet tekniċi separati jkollhom kontrolli elettroniċi, għandha tingħata informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom.

0. ĠENERALI

0. 1. Għamla (isem kummerċjali tal-manifattur): .....

0. 2. Tip: .....

0. 2. 1. L-isem/Ismijiet kummerċjali (jekk disponibbli): .....

0. 3. Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura [b]: .....

0. 3. 1. Lok ta' dak l-immarkar: .....

0. 4. Il-kategorija tal-vettura [c]: .....

0. 5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: .....

0. 8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-immuntar: .....

1. KARATTERISTIĊI ĠENERALI TAL-KOSTRUZZJONI TAL-VETTURA

1. 1. Ritratti u/jew disinni tal-vettura rappreżentattiva: .....

2. MASES U QISIEN [e]
(f'kg u mm) (Irreferi għad-disinn fejn japplika)

2.3.4. Il-wisa' tal-fus ta' quddiem nett (imkejjel fuq il-parti l-aktar 'l barra tat-tyres barra mill-biċċa mqabbża 'l barra tat-tyres l-aktar qrib ta' l-art): .....

2.8. Il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ddikjarata mill-manifattur [y] (massimu u minimu għal kull varjant): .....

[1] In-numri tal-punti u tan-noti ta' qiegħ il-paġna wżati f'dan id-dokument ta' informazzjoni jikkorrispondu għal dawk stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 70/156/KEE. Il-punti li mhumiex relevanti għall-iskop ta' din id-Direttiva tħallew barra.

▼B

9. IL-KAROZZERIJA

9.1. Tip ta' karozzerija: .....

9.2. Materjali wżati u l-metodi ta' kostruzzjoni: .....

9.2.2. Protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem

9.2.2.1. Disinni tal-partijiet tal-vettura li huma rilevanti għal mal-protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem, jiġifieri, d-disinni tal-vettura u/jew tax-chassis bil-posizzjoni u l-immuntar tal-fus ta' quddiem l-aktar wiesa', disinn ta' l-immuntar u/jew it-twaħħil tal-protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem. Jekk il-protezzjoni tal-qiegħ m'hix xi mezz speċjali, id-disinn għandu juri b'mod ċar li l-qisien meħtieġa huma sodisfatti: .....

9.2.2.2. Fil-każ ta' mezz speċjali, deskrizzjoni shiha u/jew disinn tal-protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem (li tinkludi l-immuntar u t-tagħmir) u, jekk dan ikun approvat bħala unità teknika separata, numru ta' l-approvazzjoni tat-tip: .....

9.2.2.3. Posizzjoni tal-mezz tal-punti ta' applikazzjoni tal-forzi tat-test: .....

Data, fajl

▼B

Appendiċi 4

MUDELL

(format massimu) A4 (210 mm × 297 mm))

ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP KE

Timbru ta' l-amministrazzjoni

Komunikazzjoni li tikkonċerna:

— l-approvazzjoni tat-tip (1),

— l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip (1),

— iċ-ċaħda ta' l-approvazzjoni tat-tip (1),

— l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip (1),

ta' tip ta' vettura/komponent/unità teknika separata (1) fir-rigward tad-Direttiva …/…/KE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva.../.../KE.

Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip: .....

Raġuni għall-estensjoni: .....

TAQSIMA I

0.1. Għamla (isem kummerċjali tal-manifattur): .....

0.2. Tip: .....

0.3. Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip jekk immarkat fuq il-vettura/komponent/unità teknika separata (1) (2): .....

0.3.1. Lok ta' dak l-immarkar: .....

0.4. Il-kategorija tal-vettura (1) (3): .....

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: .....

0.7. Fil-każ ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE: .....

0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-immuntar: .....

(1) _assar fejn ma japplikax.

(2) Jekk il-mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex relevanti g_ad-deskrizzjoni tat-tipi ta' vettura, ta' komponent jew ta' unitą teknika separata koperti b'dan i_-_ertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, karattri b_al dawn g_andhom ikunu rappre_entati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu: (e.g. ABC??123??).

(3) Kif definit fis-sezzjoni A ta' l-Anness II tad-Direttiva 70/156/KEE.

▼B

TAQSIMA II

1. Informazzjoni addizzjonali (meta applikabbli): ara l-*Addendum*

2. Servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet: .....

3. Data tar-rapport tat-test: .....

4. Numru tar-rapport tat-test: .....

5. Kummenti (jekk ikun hemm): ara l-*Addendum*

6. Post: .....

7. Data: .....

8. Firma: .....

9. L-indiċi għall-pakkett ta' l-informazzjoni ippreżentat lill-awtorità ta' l-approvazzjoni, li jista' jinkiseb fuq talba, huwa mehmuż.

Addendum

għaċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip KE Nru.... li jikkonċerna l-aprovazzjoni tat-tip ta' mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem bħala unità teknika separata

(Direttiva 2000/40/KE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva.../.../KE)

1. Informazzjoni addizzjonali

1.1. Kostruzzjoni

1.1.1. Materjal: .....

1.1.2. Metodu tat-twaħħil: .....

1.1.3. Dimensjoni tal-mezz: .....

1.2. Massa massima mgħobbija teknikament permissibbli tal-vettura/i li fuqha għandu jiġu mmuntat il-mezz:

1.3. Restrizzjoni ta' l-użu tal-mezz (jekk ikun hemm): .....

1.4. Tagħwiġ orizzontali massimu u vertikali matul u wara l-applikazzjoni tal-forzi tal-verifika ta' kull punt tal-verifika:

.....

5. Rimarki: .....

▼B

Appendiċi 5

MUDELL

(format massimu: A4 (210 mm × 297 mm))

ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP KE

Timbru ta' l-amministrazzjoni

Komunikazzjoni li tikkonċerna:

— l-approvazzjoni tat-tip (1),

— l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip (1),

— iċ-ċaħda ta' l-approvazzjoni tat-tip (1),

— l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip (1),

ta' tip ta' vettura/komponent/unità teknika separata (1) fir-rigward tad-Direttiva …/…/KE, kif l-aħħar emendata bid Direttiva.../.../KE.

Numru ta' l-approvazzjoni tat tip: .....

Raġuni għall-estensjoni: .....

TAQSIMA I

0.1. Għamla (isem kummerċjali tal-manifattur): .....

0.2. Tip: .....

0.3. Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip jekk immarkat fuq il-vettura/komponent/unità teknika separata (1) (2)

0.3.1. Lok ta' dak l-immarkar: .....

0.4. Il-kategorija tal-vettura (1) (3): .....

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: .....

(1) _assar fejn ma japplikax.

(2) Jekk il-mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex relevanti g_ad-deskrizzjoni tat-tipi ta' vettura, ta' komponent jew ta' unitą teknika separata koperti b'dan i_-_ertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, karattri b_al dawn g_andhom ikunu rappre_entati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu: (e.g. ABC??123??).

(3) Kif definit fis-sezzjoni A ta' l-Anness II tad-Direttiva 70/156/KEE.

▼B

0.7. Fil-każ ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE: .....

0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-immuntar: .....

TAQSIMA II

1. Informazzjoni addizzjonali (meta applikabbli): ara *l-Addendum*

2. Servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet: .....

3. Data tar-rapport tat-testijiet: .....

4. Numru tar-rapport tat-test: .....

5. Rimarki (jekk ikun hemm): ara *l-Addendum*

6. Post: .....

7. Data: .....

8. Firma: .....

9. L-indiċi għall-pakkett ta' l-informazzjoni ippreżentat lill-awtorità ta' l-approvazzjoni, li jista' jinkiseb fuq talba, huwa mehmuż.

Addendum

għaċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip KE Nru.... li jikkonċerna l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward ta' l-istallazzjoni ta' mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem li ngħata l-approvazzjoni tat-tip bħala unità teknika separata

(Direttiva 2000/40/KE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva.../.../KE)

1. Informazzjoni addizzjonali

1.4. Il-massa tal-vettura sottomessa u l-mases rispettivi tal-fusien

1.4.1. Fus ta' quddiem: .....

1.4.2. Fus ta' wara: .....

1.4.3. Total: .....

1.5. Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem: .....

5. Rimarki (e.g. validu għal vetturi li jinsaqu fuq ix-xellug u fuq il-lemin)

▼B

Appendiċi 6

MUDELL

(format massimu) A4 (210 mm × 297 mm))

ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP KE

Timbru ta' l-amministrazzjoni

Komunikazzjoni li tikkonċerna:

— l-approvazzjoni tat-tip (1),

— l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip (1),

— iċ-ċaħda ta' l-approvazzjoni tat-tip (1),

— l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip (1),

ta' tip ta' vettura/komponent/unità teknika separata (1) fir-rigward tad-Direttiva …/…/KE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva.../.../KE.

Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip: .....

Raġuni għall-estensjoni: .....

TAQSIMA I

0.1. Għamla (isem kummerċjali tal-manifattur): .....

0.2. Tip: .....

0.3. Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip jekk immarkat fuq il-vettura/komponent/unità teknika separata (1) (2): .....

0.3.1. Lok ta' dak l-immarkar: .....

0.4. Il-kategorija tal-vettura (1) (3): .....

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: .....

0.7. Fil-każ ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE: .....

0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-immuntar: .....

(1) Ħassar fejn ma japplikax.

(2) Jekk il-mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex relevanti għad-deskrizzjoni tat-tipi ta' vettura, ta' komponent jew ta' unità teknika separata koperti b'dan iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, karattri bħal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu: (e.g. ABC??123??).

(3) Kif definit fis-sezzjoni A ta' l-Anness II tad-Direttiva 70/156/KEE.

▼B

TAQSIMA II

1. Informazzjoni addizzjonali (meta applikabbli): ara *l-Addendum*

2. Servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet: .....

3. Data tar-rapport tat-test: .....

4. Numru tar-rapport tat-test: .....

5. Rimarki (jekk ikun hemm): ara *l-Addendum*

6. Post: .....

7. Data: .....

8. Firma: .....

9. L-indiċi għall-pakkett ta' l-informazzjoni ippreżentat lill-awtorità ta' l-approvazzjoni, li jista' jinkiseb fuq talba, huwa mehmuż.

Addendum

għaċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip KE Nru.... li jikkonċerna l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward tal- protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem tagħha

(Direttiva 2000/40/KE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva.../.../KE)

1. Informazzjoni addizzjonali

1.1. Deskrizzjoni fil-qosor tat-tip ta' vettura rigward il-partijiet li jipprovdu protezzjoni frontali: .....

1.4. Il-massa tal-vettura sottomessa u l-mases rispettivi tal-fusien

1.4.1. Fus ta' quddiem: .....

1.4.2. Fus ta' wara: .....

1.4.3. Total: .....


1.5. Tagħwiġ orizzontali massimu u vertikali matul u wara l-applikazzjoni tal-forzi tal-verifika ta' kull punt tal-verifika: .....

5. Rimarki (e.g. validu għal vetturi li jinsaqu fuq ix-xellug u fuq il-lemin)

▼B

Appendiċi 7

MUDELL GĦALL-MARKA TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE





Il-mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem li jġib il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' hawn fuq huwa apparat li ġie approvat il-Ġermanja (e 1) taħt in-numru ta' l-approvazzjoni tal-bażi 2439 fuq il-bażi ta' din id-Direttiva.

In-numri użati huma biss indikattivi.

▼B

ANNESS II

KAMP TA' APPLIKAZZJONI U ĦTIĠIET TEKNIĊI

1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

1.1. Din id-Direttiva tapplika għal:

1.1.1. mezzi ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem bħala unitajiet tekniċi separati intiżi biex jiġu mwaħħla ma' vetturi tal-kategoriji N_2 u N_3 ([1]);

1.1.2. vetturi tal-kategoriji N_2 u N_3 fir-rigward ta' l-istallazzjoni tal-mezzi ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem li għandhom l-approvazzjoni tat-tip bħala unitajiet tekniċi separati;

1.1.3. vetturi tal-kategorija N_2 u N_3 fir-rigward tal-protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem tagħhom.

1.2. Il-vetturi tal-kategoriji N_2 ta' massa massima li ma teċċedix is-7,5 tunnellati għandhom ikunu konformi mal-kondizzjoni li jkun hemm distanza ta' 400mm bejn il-qiegħ tal-karozza u l-art, kif stabbilit f'din id-Direttiva.

1.3. Il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva ma japplikawx għal:

1.3.1. vetturi *off-road* tal-kategoriji N_2 u N_3;

1.3.2. vetturi tali li l-użu tagħhom mhux kompatibbli mad-disposizzjonijiet tal-protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem.

2. DEFINIZZJONIJIET

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

2.1. "massa massima" ta' vettura jfisser il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli kif definit fil-punt 2.8 ta' l-Anness I tad-Direttiva 70/156/KEE;

2.2. "vettura mhux mgħobbija" tfisser vettura f'kondizzjoni ta' sewqan li għandha l-massa definita fil-punt 2,6 ta' l-Anness I tad-Direttiva 70/156/KEE;

2.3. "tip ta' mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem" ifisser mezzi ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem li mhumiex differenti fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali, bħall-forma, il-qisien, it-twaħħil, il-materjali u l-marki kkwotati fil-punt 1.13 ta' l-Anness I;

2.4. "protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem" tfisser il-preżenza fuq quddiem tal-vettura ta' jew:

mezz speċjali ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem; jew

il-karozzerija, partijiet tax-*chassis* jew komponenti oħra, li permezz tal-forma u tal-karatteristiċi tagħhom, dawn l-elementi jistgħu jitqiesu li jaqdu l-funzjoni ta' mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem;

2.5. "tip ta' vettura" tfisser vetturi li mhumiex essenzjalment differenti f'aspetti bħal ma huma:

2.5.1. il-wisa' tal-fus ta' quddiemnett imkejjel fuq il-parti l-aktar ' l barra tat-*tyres* barra mill-biċċa mqabbża 'l barra tat-*tyres* l-aktar qrib ta' l-art:

2.5.2. l-istruttura, il-qisien, il-forma u l-materjali tal-parti ta' quddiem tal-vettura sakemm dawn huma relatati mal-ħtiġiet tal-parti rilevanti ta' din id-Direttiva;

2.5.3. il-mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem approvat imwaħħal mal-vettura;

2.5.4. il-massa massima tat-tip ta' vettura.

3. ĦTIĠIET TEKNIĊI

Il-ħtiġiet tekniċi li għandhom jiġu sodisfatti biex tinkiseb l-approvazzjoni tat-tip b'din id-Direttiva huma stabbiliti fil-paragrafi 6, 8 u 10, flimkien ma' l-Anness 5 tar-Regolament Nru 93 tal-NU/EKE, bl-eċċezzjonijiet li ġejjin:

([1]) Kif definit fit-Taqsima A ta' l-Anness II tad-Direttiva 70/156/KEE.

▼B

3.1. fil-punt 8.2, il-frasi “dokument ta' komunikazzjoni li jinsab fl-Anness 1” għandha titqies bħala “ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip li jinsab fl-Anness 1 ta' l-Appendiċi 5”;

3.2. fil-punt 8.3, il-frasi fil-parentesi “(l-Anness 1, punt 9)” għandha titqies bħala “(l-Anness I, l-Appendiċi 4, l-Addendum, il-paragrafu 1.4)”;

3.3. fil-punt 8,6, il-frasi fil-parentesi “(l-Anness 1, punt 8)” għandha titqies bħala “(l-Anness I, l-Appendiċi 1, il-paragrafu 2,3)”

3.4. fil-punt 3.5.1 ta' l-Anness V, il-frażi “għall-applikazzjonijiet permezz tal-Parti III” għandha titqies bħala “għall-applikazzjonijiet permezz ta' l-Anness I, paragrafu 1.3”.